# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**<u>Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2020</u>**

**<u>Rikors nru: 269/2019 AGV;</u>**

**AB**

**vs**

**CDB f' isimha u bhala kuratrici in rapprezentanza ta' bintha EB**

**U**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB** datat 5 ta' Dicembru 2019, fejn espona bir-rispett u kkonferma dan li gej ;

1. Illi fl- 10 ta' Settembru 2005, huwa zzewweg lill-intimata CDB;

2. Ili tul iz-zwieg l-intimata welldet tifla maghrufa bhala EB, fid- 29 ta' Ottubru 2006, liema wild gie registrat bhala bint l-esponenti skont il-ligi u dan kif gie registrat fl-atti tat-twelid numru; 3774/2006;
3. Illi llum EB ghandha tlettax-il sena;
4. Illi l-esponenti jaf li l-minuri mhix it-tifla tieghu ghax f' dak iz-zmien il-partijiet ma kienux ghadhom f' relazzjoni flimkien;
5. Illi r-rikorrenti irid test tad-DNA sabiex jikkonferma li EB mhix nisel tieghu;
6. lIlli l-intimata taf li l-minuri mhix it-tifla bijologika ta' AB;
7. Illi minhabba s-suespost, ai termini tal-artikolu 70 tal-Kodici Civili, r-rikorrent jixtieq jichad li jaghraf it-tifla mnissla matul iz-zwieg minhabba, li martu kienet ikkommettiet adulterju u welldet tifla ta' haddiehor, bhala konsegwenza ta' dal-att.

Ghaldaqstant, u ghal ragunijiet esposti, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Prevja n-nomina ta' perit nominandi, tiddikjara li t-tifla minuri EB mhux it-tifla tar-rikorrenti AB.
2. Tordna lid-direttur tar-Registru Pubbliku jibdel l-att tat-twelid 3774/2006 sabiex ir-rikorrenti ma jibqax mnizzel bhala missier it-tifla minuri.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata** 7 ta' Jannar 2020 fejn Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess direttur jesponi bil-qima u bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma li;

1. Illi preliminarjament l-attur ghandu jgib prova li huwa gie awtorizzat minn dina l-Qorti ai termini tal-artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ikun jista' jipprocedi bil-kawza istanti, u fin-nuqqas ta' dan, f' gieh

l-ekonomija tal-gudizzju, huwa ghandu jirregola l-posizzjoni tieghu immedjatament;

2. Illi ukoll in linea preliminari, l-attur irid jgheleb il-presunzjoni legali mahluqa tramite' l-artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adgewatament u konviciment, juri li l-pusess ta' stat tal-minuri EB, ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhux edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;
4. Illi l-attur jehtieg li primarjament jipprova u jissodisfa minn tal-anqas wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70, subinciz (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal tali fini, l-esponent umilment jitlob lil din Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissotmettu ruhhom ghall-testijiet genetici kif provdut fl-artikolu 70 A (2) tal-Kap. 16, sabiex tigi vverifkata l-allegazzjoni tal-attur li hu mhux il-missier naturali tal-minuri EB. F' tali cirkostanzi, l-esponent, stante li huwa ma ghandux x' jaqsam mal-mertu tal-kawza istanti, jirrimeti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji;
5. Illi subordinatament u dejjem bla hsara ghas-suespot, f' kaz li dina l-Onorabbli Qorti tilqa' it-talbiet attrici, l-esponent jirrileva li huwa importanti li l-kelmiet, ' the said' li jinsabu qabel isem AB, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati it-taghrif dwar l-omm, ghandhom flimkien mal-kolonni tal-attur jigu kkancellati mil-atti tat-twelid, tal-minuri jew min minnhom;
6. Illi finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponent jissotometti li fi kwalukwe kaz, l-azzjoni odejrna mhux attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent, u ghalhekk ma ghandux jigi assogettat ghal-ispejjez tal-kawza istanti.
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed minn issa jigi ingunt in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' CDB**, f' isimha u bhala kuratrici in rapprezentanza ta' bintha EB, datata 25 ta' Frar 2020, fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat;

1. Illi l-intimata ma topponix ghat-talba tar-rikorrenti AB fir-rikors guramentat tieghu bin-numru 269/2019 stante li l-intimata taf li l-minuri EB mhix il-bint tar-rikorrenti u dal-fatt ir-rikorrenti ilu jafu ben tajjeb;
2. Illi in oltre' l-intimata ma ghandhiex oggezzjoni li jsiru testijiet ta' DNA opportuni biex jikkonfermaw li it-tifla mhix il-bint bijologika ta' Victor Sammut;
3. Illi nonostante dan l-intimata qed izzomm ir-riserva ghal-kunjom tat-tifla u cjoe' B stante li hi ilha b' dal-kunjom zmien twil u l-istess minuri tixtieq zzommu, dan qed jinghad fl-ahjar interess tal-minuri.

Rat ir-rikors tal-attur data 5 ta' Dicembru, 2019, fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jipprocedi bil-kawza odjerna.

Rat id-digriet datat 30 ta' Jannar, 2020, li permezz tieghu l-attur gie hekk awtorizzat jipprocedi.

Rat li, ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Registru Pubbliku giet sorvolata.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rapport tal-ezami tad-DNA tal-attur u tal-minuri in kwistjoni, esebit permezz ta' affidavit ta' Christopher Farrugia, datat 21 ta' Lulju, 2020, u l-konkluzjonijiet hemmhekk maghmula.

Rat in-nota tal-attur datata 20 ta' Ottubru, 2020, li permezz taghha irrimetta ruhu dwar il-kunjom tal-minuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta CDB datata 30 ta' Ottubru, 2020, fejn tenniet il-posizzjoni taghha hekk kif esposta fir-risposta guramentata.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-kawza tittratta talba ta' denegata paternita' ta' wild il-partijiet. Din qed issir mill-allegat missier, li qed jiddikjara li hu mhuwiex il-missier bijologiku tat-tifla mwielda fiz-zwieg. Il-fatti esposti quddiem din il-Qorti huma s-segwenti. Il-partijiet kienu zzewgu fl-10 ta' settembru, 2005, u l-minuri twieldet fid-29 ta' Ottubru 2006. Din giet registrata fl-att tat-twelid bhala bint il-partijiet. L-attur isostni li l-wild mhijiex minn tieghu. Il-konvenuta ikkonfermat dan il-fatt, u ghalhekk iddikjarat fir-risposta taghha u fis-sottomossjonijiet taghha li taqbel mat-talbiet tal-attur. L-unika rizerva li ghandha l-konvenuta hi li l-minuri ghandha zzomm il-kunjom 'B', peress illi illum ghandha erbatax-il sena u ilha hekk maghrufa fl-ambjenti kollha taghha tul hajjitha kollha.

Illi t-talbiet tal-attur huma limitati ghal dikjarazzjoni ta' denegata paternita', u ghall-korrezzjoni fl-atti tat-twelid tal-minuri billi jitnehha isem l-attur minn fuq l-istess certifikat tat-twelid. Jidher li bhala fatti mhux kontestati, il-Qorti ghandha

tilqa' dawn iz-zewg talbiet tal-attur, a bazi tal-provi prodotti mill-partijiet u tal-ammissjoni tal-konvenuta.

Kwantu ghall-kunjom il-minuri, ghalkemm il-Qorti ma semghetx lit-tifla, tista' tifhem ir-ragunijiet ghalfejn hi tixtieq izzomm il-kunjom li kulhadd ilu jafha bih sa mit-twelid. Il-Qorti tifhem li jista' jkun ta' hsara ghaliha jekk issa, fl-eta' taghha, ma tibqax maghrufa bil-kunjom indikat. Il-Qorti ghalhekk taqbel mal-konvenuta li mhuwiex fl-interess suprem tal-minuri li l-kunjom taghha jinbidel f'dan l-istadju. Il-Qorti tirrispetta din ix-xewqa tal-minuri hekk kif esposta minn ommha, u ghalhekk sejra tordna li l-kunjom jibqa' l-istess kif ilu minn twelidha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Tilqa' t-talbiet tal-attur, u konsegwentement;

1. Tiddikjara li t-tifla minuri EB mhux it-tifla tar-rikorrenti AB.
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jibdel l-att tat-twelid 3774/2006 sabiex ir-rikorrenti ma jibqax mnizzel bhala missier it-tifla minuri.
3. Tordna, izda, li kunjom il-minuri jibqa' dak indikat fl-att tat-twelid, u cioe' "B".

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | |
|---|---|
| **Imhallef** | **Cettina Gauci** |
| **Onor. Imhallef Anthony G. Vella** | **Dep Reg** |